MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 134/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Luke Bajona**

**(ID 311182(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Luke Bajona, bin Edmund u Josephine nee` Camilleri, imwieled Pieta` nhar l-1 ta' Gunju 1982 u residenti 90, Triq San Gwann Battista, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 311182(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju 2012 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju 2012 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li

d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

d) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

U b'digriet tad-19 ta' April 2013, giet awtorizzata s-segwenti zieda:

e) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta' Lulju 2012, ghall-habta tal-10.30 a.m., Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ezegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat. L-imputat intlemah barra l-istess klabb, miexi lejn il-vettura tieghu u f'idu kellu bott tal-marka *Knorr*, li kien jikkontjeni borza mdaqqsa tal-*plastic* u zewg boroz zghar tal-*plastic* bi trab abjad gewwa fihom. Tfittixija li saret fil-klabb imsemmi rrizultat fin-negattiv. Fil-vettura tieghu, instabu erba' *mobile phones*, xi tnejn minnhom miksurin u li kienu jidhru li ma jintuzawx u sussegwentement minn tfittxija fir-residenza tieghu, instabu *inter alia* tlett boroz zghar tal-*plastic* bi trab abjad, pillola suspettata *ecstasy*, xi zewg *bullets* b'sustanza suspettuza u elfejn Euro fi flus kontanti.[1] L-affarijiet kollha gew elevati u mghoddija lill-Ufficjal Investigatur. L-oggetti hekk elevati jidhru fir-ritratti esebiti minn PC 650 Justin Tabone flimkien mar-relazzjoni tieghu.[2]

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-2 ta' Lulju 2012[3], wara li nghata s-solita twissija illi kellu d-dritt illi jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bi prova u wkoll wara li huwa nghata d-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx[4]. L-imputat ghazel ukoll illi jiffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu.

Illi mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[5], jirrizulta illi d-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi kienu *inter alia* s-segwenti:

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin (a fol. 10 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 22 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 364 David Borg (a fol. 80 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 1213 Carlos Axisa (a fol. 86 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino (a fol. 88 *et seq* tal-process).
[2] Din tinsab esebita a fol. 70 *et seq* tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 17 *et seq* tal-process.
[4] Ara d-dikjarazzjoni tal-imputat a fol. 21 tal-process.
[5] Esebita a fol. 36 *et seq* tal-process.

i. Bott tal-marka *Knorr* li go fih kien hemm borza mdaqqsa tal-*plastic* trasparenti u zewg boroz zghar tal-*plastic* trasparenti bi trab abjad fihom – dawn inghataw il-kodici tal-laboratorju 228/12/01;

ii. Stocc tal-*plastic* bil-kelma fuqu '*Slimshot*' fost ohrajn, li go fih kien hemm bicca *tissue paper* bajda b'pillola celesta b'forma ta' qalb; recipjent zghir tal-plastic *ahmar* li go fih kien hemm trab abjad; zewg tubi tal-metall li f'wiehed minnhom kien hemm borza zghira tal-*plastic* trasparenti b'sustanza ta' lewn orangjo car u tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti bi trab abjad fihom – dawn inghataw il-kodici tal-laboratorju 228/12/02.

L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dawn id-dokumenti:

a) Illi ma nstabux sustanzi illegali go stocc tal-*plastic* fid-dokument 228/12/02;

b) Illi t-trab abjad li kien hemm fil-borza tal-*plastic* fid-dokument 228/12/01a, f'ammont nett totali ta' 28.92 grammi, instabet fih is-sustanza Kafejina, liema sustanza hija *xanthine stimulant* u m'hijiex ikkontrollata bil-ligi;

c) Illi l-pillola celesti b'forma ta' qalb fid-dokument 228/12/02 instabet fiha s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*, liema sustanza hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Illi t-trab abjad li kien hemm fir-recipjent ahmar zghir tal-*plastic* fid-dokument 228/12/02, f'ammont nett totali ta' 0.21 grammi, instabet fih is-sustanza *Mephedrone*, liema sustanza hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Illi nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq zewg speci ta' tubi tal-metall li kienu fid-dokument 228/12/02;

f) Illi fit-trab li kien hemm fid-dokument 228/12/01 (b u c), fis-sustanza ta' lewn orangjo car u fit-trab abjad li kien hemm fi tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti fid-dokument 228/12/02, f'ammont nett totali ta' 4.71 grammi, instabet is-sustanza Kokajina, b'purita` medja ta' cirka 37.8%.

> Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta [sottolinear tal-Qorti].

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputazzjoni (a) – pussess aggravat tad-droga kokajina fl-1 ta' Lulju 2012 u fil-gimghat ta' qabel din id-data

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi nhar l-1 ta' Lulju 2012, l-imputat instab fil-pussess ta' sustanza f'boroz tal-*plastic* li, mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, tirrizulta illi hija droga kokaina. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza invece huwa l-pussess aggravat tal-istess droga, ghaliex skond it-tezi tad-difiza, jirrizulta mill-provi u mic-cirkostanzi li fihom instabet, illi din kienet ghall-uzu esklussiv tal-imputat. L-ezercizzju li ghandha twettaq din il-Qorti, ghalhekk, huwa illi tiddetermina jekk, mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, tistax hija tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi c-cirkostanzi li fihom instabet l-istess droga juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat ai termini tal-ewwel imputazzjoni.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fsl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Jirrizulta ampjament mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni l-imputat gie mwaqqaf u arrestat mill-pulizija hekk kif huwa kien ghadu kif hareg mill-*club* tal-*football* tal-Qrendi – liema *club* dak iz-zmien kien immexxi minnu – u kien sejjer fid-direzzjoni tal-vettura tieghu. Dak il-hin, f'idejn l-imputat, instab bott tal-marka *Knorr* li kien fih borza tal-*plastic* ftit imdaqqsa, liema borza kienet tikkontjeni s-sustanza kafejina u zewg boroz ohrajn tal-*plastic*, li kienu jikkontjenu trab abjad, b'piz ta' 1.05 grammi l'wiehed, liema trab kien fih is-sustanza kokaina. Sussegwentement, fir-residenza tieghu, instabu diversi oggetti ohrajn fosthom tlett boroz zghar tal-*plastic* trasparenti bi trab abjad, li fih instabet is-sustanza kokajina, b'piz rispettiv ta' 1.09 grammi, 0.27 grammi u 1.03 grammi. In oltre f'tubu zghir tal-metall, kien hemm borza zghira tal-*plastic* b'sustanza ta' lewn orangjo, liema sustanza kienet tikkontjeni d-droga kokajina u kellha piz ta' 0.49 grammi. Fuq iz-zewg tubi tal-metall, instabu wkoll tracci tas-sustanza kokajina. Il-piz totali tat-trab kontenenti s-sustanza kokajina kien ta' 4.98 grammi (1.05 g + 1.05 g + 1.09 g + 0.27 g + 1.03 g + 0.49 g), ghalkemm fir-relazzjoni tieghu, l-Ispizjar Mifsud jindika dan it-total bhala 4.71 grammi.

Jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[6], illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jahdem *full-time* bhala *Operations Manager* ma' kumpanija tat-tindif, kien qed jipprova jibni klijentela biex ibiegh xi prodotti tat-tindif u in oltre kellu *bar* bi shab gewwa l-Qrendi. B'referenza ghall-pakketti misjuba fuqu hekk kif kien hiereg mill-*club*, huwa stqarr illi z-zewg pakketti zghar suppost kien fihom il-kokajina u li dawn kellu f'mohhu li juzahom dakinhar stess biex ikollu izjed energija ghax-xoghol. Qal illi ma kienx jaf x'kienet il-borza l-kbira u din inghatat lilu meta xtara l-kokajina.

Dwar it-tlett pakkett li nstabu fir-residenza tieghu, huwa qal illi anke dawn kienu kokajina u li kien bi hsiebu juzahom meta jkollu bzonnhom, ghalkemm ma kienx ippjana meta. Fil-*bullet* ta' kulur il-fidda (ossia wahda mit-tubi tal-metall li hemm referenza ghaliha fir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud), kien hemm xi *leftovers* tal-kokajina. Qal illi huwa kien xtara hafna kokajina f'daqqa minhabba l-prezz u li l-kokajina juzaha biex taghtih l-energija. Qal ukoll illi kien ilu jabbuza mill-kokajina ghal madwar erba' snin.

L-imputat qal illi l-ahhar darba li kien ha l-kokajina kien fl-1 ta' April 2012, fl-Irxoxt gewwa Hal Qormi. B'referenza ghad-droga li nstabet fil-pussess tieghu, qal illi dawn il-pakketti kien xtrahom madwar tlett gimghat qabel ghax kien jaf li gejja l-festa. Qal illi huwa kien qieghed fil-hanut tal-Qrendi fejn waqfet karozza tal-kiri bajda u t-Taljan li kien hemm f'din il-karozza ghajjatlu u offrielu ghall-bejgh l-oggetti bhal ghodda, li kellu fl-istess karozza. L-imputat ma ried xejn, izda t-Taljan imbaghad semmielu l-kokajina, hu ftakar li kienet gejja l-festa u ghalhekk wera interess. It-Taljan ried ibieghlu seba' grammi bil-prezz ta' €700, izda huwa offrielu €500. Ghalhekk huwa xtara seba' pakketti bil-prezz ta' €500 – li kienu lkoll bhal l-erba' pakketti li nstabulu – u maghhom, il-persuna li bieghhomlu tah ukoll borza ohra (b'referenza ghall-borza li kienet tikkontjeni l-kafejina) biex ihajjru jbiegh. Dan il-persuna, skond l-imputat, qallu "*to mix, fai piu` soldi*". Qal illi huwa qallu li ma riedx ibiegh u li kien xtrahom ghalih personali, izda dan xorta hallielu dik il-borza go kaxxa zghira, flimkien mal-bqija tal-pakketti. Xi gimgha wara dan rega' cempel lill-imputat biex

[6] A fol. 17 *et seq* tal-process.

jistaqsih riedx izjed droga, izda l-imputat qallu li ma kellux bzonn izjed. Qabel din id-darba l-ahhar li kien xtara l-kokajina kien fi Frar jew f'Marzu ta' dik is-sena.

Mistoqsi kemm kien jixtri, huwa wiegeb li mhux dejjem l-istess, izda kien jixtri skond il-prezz – minn gramma sa seba' grammi, skond il-kaz jew il-post. Qal li ma kienx jixtri minghand nies li kien jaf biex ma jurix li jiehu d-droga u dan ghaliex kellu x'jitlef. Mistoqsi kemm juza kokajina, huwa qal illi ma kienx juza dejjem l-istess, izda kien juza minn nofs gramma sa zewg grammi f'gurnata u dan meta johrog jew inkella meta jkollu gurnata xoghol biex ikun jiflah jahdem.[7] Qal illi dan kien il-kaz fil-jum ta' qabel, ghaliex kien hemm il-festa gewwa l-Qrendi u li l-Gimgha kienu ghalqu fil-5.00 a.m., baqa' ghaddej bil-qadi u raqad is-Sibt xi l-11.00 a.m. Dwar dan fix-xhieda tieghu[8], l-imputat spjega illi dak il-*weekend* partikolari kien wiehed biezel, u dakinhar li nqabad mill-Pulizija, il-Hadd, fil-ghodu mar jixtri biex jaghmel tinda minhabba x-xemx u mar il-kazin. L-affarijiet li nstabu fuqu riedhom sabiex ikollu l-energija ghax-xoghol. Qal ukoll illi s-Sibt filghaxija kienu fethu ghall-habta tas-6.00 p.m u ghalqu xi l-4.00 a.m. jew il-5.00 a.m. u hu rega' rritorna ghax-xoghol xi l-10.00 a.m. ta' jum il-Hadd.[9] In kontro-ezami, qal illi l-Gimgha ma kienx ha droga, izda kien ser jiehu d-droga l-Hadd peress illi kien hadem kontinwament jum fuq iehor u kien jaf li dakinhar kienet ser tkun gurnata itwal u li kuntrarjament ghall-Gimgha u ghas-Sibt, meta x-xoghol kien jibda minn filghaxija, il-Hadd ix-xoghol kien jibda minn filghodu, apparti li dakinhar kien ser ikun hemm ukoll il-*final* tal-*World Cup*. Allura huwa kien jaf li kienet ser tkun gurnata iebsa. Qal illi huwa zamm zewg pakketti fuqu, mentri l-ohrajn halliehom id-dar, ghaliex fl-ewwel lok ma riedx ihalli d-droga fil-hanut u fit-tieni lok kien jaf li l-izjed li kien ser juza kienu zewg pakketti u li ma kienx ser juza aktar. Kien jaf li l-limitu tieghu kien ta' zewg pakketti.[10]

---

[7] Fix-xhieda tieghu (a fol. 117 tal-process), huwa qal illi li meta kien jikkonsma l-kokajina, kien juza bejn gramma u zewg grammi f'gurnata u li kien jaghmel dan madwar darba fix-xahar, fl-okkazzjonijiet fejn kien ihoss li kellu bzonn l-energija. In kontro-ezami, l-imputat qal illi gieli ha l-kokajina darbtejn f'xahar, izda gieli f'xahar ma ha xejn ukoll.

[8] A fol. 108 *et seq* tal-process.

[9] A fol. 109 tal-process.

[10] A fol. 122 tal-process.

Fix-xhieda tieghu, meta mistoqsi ghaliex kien xtara l-ammont ta' seba' grammi meta huwa kien juza bejn gramma u tnejn f'xahar, qal illi kien xtrahom f'daqqa biex jixtri d-droga minghand persuna wahda u ma jkun jaf hadd izjed.[11] Qal ukoll illi din id-droga kienet maqsuma f'seba' pakketti u li kien xtraha hekk.

Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi ghalfejn kien zamm il-borza (bil-kafejina) moghtija lilu mit-Taljan la darba huwa qal illi kien xtara d-droga ghall-uzu personali tieghu, huwa qal illi ma kienx jaf kif ha jehles minnha u haseb ukoll illi kienet tiswa l-flus. Qal illi fil-jum ta' qabel, huwa ppruva johrog bis-sustanza misjuba fuqu minn gewwa l-*club* wara li xi hadd infurmah li seta' kien hemm il-pulizija, biex jehles mill-inkwiet, ghalkemm l-izjed haga hafifa li seta' jaghmel kienet li jifflaxxjaha fit-*toilet*, izda dak il-hin ma gietux f'rasu.

Mistoqsi x'kien ghamel bid-droga li xtara u dan peress illi mis-seba' pakketti li jghid li xtara, instabu biss hames pakketti, huwa qal illi dawn kien hadhom fil-festa ta' San Gorg fil-gimgha ta' qabel, f'jum tal-Hadd. Qal illi kien hadhom matul il-gimgha u li fil-fatt kien hemm zewg pakketti u nofs neqsin.[12] Ma jiftakarx li minn dik id-droga kien ta lil xi hadd. Huwa nnega li kien qieghed ibiegh il-kokajina mill-kazin tal-Qrendi u meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien zamm il-borza (bil-kafejina) biex ikun jista' jhallatha mal-kokajina u johrog izjed minnha halli b'hekk igib flusu, huwa wiegeb illi dik il-borza qatt ma kien uzaha u ma kienx jaf x'fiha. Qal illi kien daqha, izda ma kienx jaf x'inhi ghalkemm qal li la kienet zokkor, la melh u lanqas dqiq. Fix-xhieda tieghu[13], dwar din il-borza, l-imputat qal illi din il-borza waslet fil-*bar* meta huwa xtara d-droga u qatt ma kien caqlaqha minn hemm. Qal illi qatt ma kien uzaha u li gieli haseb li seta' jkabbar id-droga biha ghalih stess.

[11] A fol. 119 tal-process.

[12] Fix-xhieda tieghu (a fol. 119 u 120 tal-process), l-imputat rega' irrepeta illi mis-seba' grammi, huwa kien ikkonsma zewg grammi u nofs u qal illi fil-festa ta' Hal Qormi, kien ha pakkett u nofs u n-nofs l-iehor kien irritornah id-dar.

[13] A fol. 114 tal-process.

Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi kemm kien ilu jbiegh kokajina mill-kazin, qal illi qatt ma biegh. Huwa rega' sostna li kien juza l-kokajina biex jissocjalizza u ghal fini ta' energija. Qal li biha jhoss *kick* u *push* u in kontro-ezami[14] huwa qal illi kien ihoss li jista' jibqa' ghaddej. Fl-istqarrija qal ukoll illi meta juza l-kokajina, jaghmel linja bil-pakkett u jigbidha b'*paper note*.[15] Mistoqsi kienx juza pakkett shih meta jaghmel linja, huwa qal li mhux dejjem kien jaghmel dan, ghax gieli ma kienx juza pakkett f'daqqa. Kellu certu kontroll biex ma jiehux id-droga kollha f'daqqa ghalkemm kien johrogha mieghu u fil-fatt fir-residenza tieghu nstab pakkett mibdi. Qal illi l-bott (tal-*Knorr*) kien izommu fuq xkaffa fil-kcina ghaliex hu biss kien isajjar hemmhekk. Gewwa l-kazin gielu uza l-kokajina, l-izjed gewwa t-*toilet.* Mistoqsi jekk riedx ibiddel xi haga mill-istqarrija, huwa qal li "*kull ma hemm hi li hadt id-droga fl-1 ta' April fil-Pjazza ta' San Gorg u fil-festa ta' San Gorg*" u li kien nesa peress illi l-armar u n-nies ikunu l-istess.

In kontro-ezami[16], l-Ispettur Malcolm Bondin meta mistoqsi ghaliex kien ressaq lill-imputat sabiex iwiegeb ghar-reat ta' pussess bl-aggravanti, irrefera ghall-ammont misjub, kif dawn kienu mohbija u ppakkjati u ghall-informazzjoni li kienet dahlet. Dwar dan qal illi ghalkemm l-informazzjoni kienet anonima, kien hemm diversi rapporti dwar abbuz jew traffikar tad-droga fil-kazin u dan mhux f'dik il-gimgha biss. Biss qal ukoll illi r-rapporti ma rreferewx specifikatament ghall-imputat. L-istess Spettur irrefera wkoll ghall-fatt li fil-pussess tal-imputat instabet is-sustanza kafejina – sustanza li generalment fil-kuntest tad-dinja tad-droga, tintuza bhala *cutting agent.* L-istess Spettur irrefera wkoll ghall-atteggjament tal-imputat hekk kif huwa rriskontra l-pulizija, liema atteggjament juri li l-imputat kellu x'jahbi. In oltre semma' l-fatt illi l-imputat seta' facilment halla d-droga d-dar u abbuza mid-droga gewwa d-dar stess, qabel mar xoghol gewwa l-kazin, minflok garr parti mid-droga mieghu. Qal illi safejn kien jaf hu, hadd ma nqabad jabbuza mid-droga gewwa l-kazin.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

[14] A fol. 124 tal-process.

[15] In kontro-ezami, l-imputat qal illi meta kien jabbuza mid-droga d-dar, kien juza s-*souvenir* u dan b'referenza ghat-tubu tal-metall (f'forma ta' *bullet*) li nstab fir-residenza tieghu (a fol. 122 tal-process).

[16] A fol. 97 *et seq* tal-process.

Issa f'dan il-kaz, l-elementi li fil-fehma tal-Qorti jistghu jitqiesu bhala cirkostanzi li jindikaw il-pussess bl-aggravanti huma s-segwenti: fl-ewwel lok u fil-fehma tal-Qorti l-izjed cirkostanza serja hija s-sejba tas-sustanza kafejina fil-pussess tal-imputat, ghaliex huwa ben risaput illi fic-cirku tad-droga, din is-sustanza tintuza bhala *cutting agent* biex b'hekk wiehed ikabbar il-piz tas-sustanza u jkun jista' ghalhekk idahhal izjed flus mis-sustanza li jbiegh. Fit-tieni lok, hemm ukoll il-fatt illi fil-pussess tal-imputat, instabu 4.98 grammi ta' sustanza li kienet tikkontjeni l-kokajina u li l-imputat jammetti li huwa kien originarjament xtara ben seba' grammi, li ma jistax jinghad li huwa xi ammont zghir jew ammont li wiehed normalment u *prima facie* jassocjah ma' uzu personali. Fit-tielet lok, imbaghad, din id-droga kienet maqsuma f'pakketti, tnejn minnhom identici fil-piz u l-ohrajn ta' piz simili ghall-ahhar u fir-raba' lok, tnejn minn dawn il-pakketti, instabu fuq il-persuna tieghu u kienu fil-pussess tieghu meta huwa kien qieghed fil-Kazin tal-*football* tal-Qrendi.

Biss wara li l-Qorti hasbet fit-tul fuq dawn ic-cirkostanzi, tqis ukoll is-segwenti fatturi li wkoll jirrizultaw mill-provi prodotti: Fl-ewwel lok, l-imputat jghid illi huwa xtara seba' grammi droga kokajina f'seba' pakketti (fil-fatt it-trab fil-pakketti misjuba fih piz ta' madwar gramma kull pakkett) u li ghalhekk diga` kienu maqsumin b'dan il-mod meta xtrahom hu. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova illi dawn il-pakketti gew maqsumin b'dan il-mod mill-imputat stess. Fit-tieni lok, fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta ppruvat – zgur mill-inqas sal-grad tal-probabbli – illi l-imputat kien jaghmel uzu huwa stess mid-droga kokajina. Apparti illi nstabu wkoll drogi ohrajn – ossia pillola *ecstasy* u s-sustanza *mephedrone* – it-tnejn fi kwantitajiet indikattivi biss ta' pussess ghall-uzu personali u li ghalhekk juru li l-imputat kien midhla mal-uzu tad-droga, izjed importanti instabu wkoll tracci tal-kokajina fuq zewg tubi tal-metall fir-residenza tieghu, liema tubi l-imputat jghid li kien juzahom sabiex jissniffja l-istess sustanza meta kien ikun id-dar – fatt li ghalhekk jirrizulta mis-sejba tat-tracci fuq l-istess tubi. In oltre, l-imputat jispjega wkoll x'kien l-effett tal-kokajina fuqu, kemm kien idum fuqu l-effett ikkawzat minn linja wahda ta' kokajina u anke kemm il-linja kien johrog minn gramma. Fit-tielet lok, imbaghad, l-imputat jaghti spjegazzjoni konsistenti u anke kredibbli – kemm fl-

istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu – dwar il-frekwenza tal-uzu li kien jaghmel mill-kokajina u l-ammonti li kien jikkonsma meta kien jaghmel tali uzu. Spjega wkoll b'mod konsistenti dwar kif huwa kien xtara seba' grammi f'daqqa sabiex jixtrihom minghand persuna wahda u b'hekk ma jaghtix fl-ghajn u anke ghaliex franka fil-prezz – ragunijiet ben plawsibbli fic-cirkostanzi tal-imputat, li jidher li kien bniedem biezel, kellu izjed minn impjieg wiehed u kien qed jipprova wkoll jibni negozju tieghu – fatti ohrajn dawn li juru li l-imputat ma kienx nieqes mill-flus jew li kellu bzonn il-flus sabiex ikun jista' jiffinanzja l-uzu tieghu mid-droga. L-imputat imbaghad lanqas ma kien tenut jghid illi kien akkwista seba' grammi originarjament, izda jidher li kien frank u genwin fl-istqarrija tieghu u spjega wkoll x'kien ghamel bir-rimanenti zewg grammi u nofs. Fil-fatt il-Qorti tinnota li apparti li fil-pussess tieghu u fir-residenza tieghu, instabu pakketti kontenenti trab b'piz ta' 1.05 grammi, 1.05 grammi, 1.09 grammi, 1.03 grammi u 0.27 grammi li ghalhekk bejn wiehed u iehor jikkonfermaw dak li jghid l-imputat anke *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu, u cioe` li huwa kien lahaq ikkonsma 2.5 grammi kokajina mis-seba' grammi li kien xtara originarjament, fir-residenza tieghu nstab ukoll trab ta' lewn orangjo – li wkoll kien jikkontjeni l-kokajina – fil-piz ta' 0.49 grammi. Issa dan it-trab, l-imputat jiddeskrivih bhala *leftovers* tal-kokajina u fil-fatt anke mill-kulur ta' dan it-trab u l-mod separat fejn dan instab (f'wiehed mit-tubi tal-metall) jidher illi dan it-trab ma kienx mill-istess kwantita` ta' seba' grammi li kien xtara f'daqqa l-imputat. Anke dan ikompli jaghti kredibilita` lill-imputat u jikkombacja mal-verzjoni tieghu tal-fatti. Irid jinghad illi l-unika inkonsistenza, jekk wiehed jista' jsejjhilha hekk, li nnutat din il-Qorti fil-verzjoni tal-imputat hija fir-rigward tal-mistoqsija maghmula lilu dwar l-ahhar darba li huwa abbuza mid-droga kokajina – ghall-ewwel huwa jghid illi dan kien fl-1 ta' April 2012, waqt l-Irxoxt gewwa Hal Qormi, izda wara meta mistoqsi dwar x'kien ghamel bil-bqija tas-seba' grammi kokajina, huwa qal illi huwa kien ha din id-droga – 2.5 grammi – matul il-festa ta' San Gorg, il-gimgha ta' qabel. Meta wiehed jikkunsidra illi d-droga li nstabet kien xtraha tlett gimghat qabel, isegwi fl-ewwel lok li fl-1 ta' April 2012 zgur illi ma kienx ghamel uzu minn din id-droga u fit-tieni lok li allura l-okkazzjoni tal-1 ta' April 2012 ma kinitx l-ahhar darba li fiha huwa ghamel uzu mill-kokajina. Biss f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi fl-istess stqarrija, fl-ahhar twegiba, l-imputat jaghmel korrezzjoni dwar dan, ghalkemm il-Qorti ma tistax ezattament tifhem x'qed jinghad f'din it-twegiba

(minhabba l-mod kif din giet redatta), izda x'aktarx dak li ried ifisser l-imputat huwa illi kien ha d-droga fl-1 ta' April fil-Pjazza ta' San Gorg (ghalhekk waqt l-Irxoxt) u anke fil-festa ta' San Gorg u li kien nesa dwar dan ghaliex in-nies u l-armar kienu l-istess. Fil-fatt huwa plawsibbli illi l-festa tal-Irxoxt kienet fl-1 ta' April, fil-waqt illi l-festa ta' San Gorg tigi izjed tard u ghaldaqstant minn dak li jghid l-imputat anke f'din l-ahhar twegiba, wiehed jista' jifhem illi huwa kien ha d-droga f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet.

Fir-raba' lok, imbaghad, cirkostanza ohra li tkompli ddahhal dubju f'mohh il-Qorti hija l-fatt illi fuq il-persuna tieghu instabu biss zewg pakketti bid-droga. Veru illi dawn kien fihom ben 2.10 grammi kokajina, izda dan l-ammont kien kompatibbli mal-uzu li skond hu, kien jaghmel f'gurnata. Il-Qorti tqis f'dan ir-rigward illi mhux il-kaz li l-imputat kien qed idur bid-droga kollha fuqu, ghaliex parti minnha nstabet id-dar, kif ukoll illi jirrizulta, kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xhieda tieghu, illi l-imputat kien ilu jahdem sieghat twal sa mill-Gimgha fil-ghaxija u li l-Hadd ossia l-jum li fih gie arrestat, huwa kien ser iqatta' gurnata ohra twila fuq il-post tax-xoghol. Dan kollu jikkombacja ma' dak li jghid hu mill-bidu u cioe` illi kien bi hsiebu juza d-droga li kellu fuqu dakinhar, sabiex din taghtih l-energija. F'dan ir-rigward, l-imputat gie mistoqsi hafna domandi mhux biss fl-istqarrija, izda anke in kontro-ezami, izda baqa' dejjem konsistenti. Ghalhekk ghalkemm l-ammont ta' 2.10 grammi kokajina m'huwiex xi ammont negligibbli, biss fic-cirkostanzi il-Qorti tqis illi huwa probabbli li l-imputat kien bi hsiebu jaghmel uzu minnhom huwa personalment u dan meta wiehed iqis ukoll illi huwa anke jammetti illi kien jaghmel uzu mill-kokajina gewwa l-istess kazin.

Imbaghad fir-rigward tas-sustanza kafejina, ghalkemm hija fil-fatt din ic-cirkostanza li tiggenera l-ikbar suspett fl-imputat, il-Qorti tqis ukoll dak li qal l-imputat fir-rigward taghha u li ghalkemm zgur illi m'huwiex solitu li min jixtri d-droga ghall-uzu personali jinghata wkoll il-*cutting agent* maghha, kif jghid l-imputat, biss tqis ukoll illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, fid-dawl ukoll ta' dak li osservat din il-Qorti in kwantu jirrigwarda l-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda, li kif inghad, anke minkejja varji domandi li sarulu in kontro-ezami, baqa' dejjem konsistenti

kemm ma’ dak li xehed in ezami, kif ukoll ma’ dak li stqarr originarjament *a tempo vergine* u fin-nuqqas imbaghad ta’ provi ohrajn bhal per ezempju, xi mizien, qratas, boroz tal-*plastic* vojta jew kantunieri tal-boroz tal-*plastic* li fihom solitament tinbiegh id-droga, xi noti li jindikaw numri tat-telefon jew ismijiet ta’ klijenti tad-droga jew spaccaturi jew affarijiet simili jew messaggi jew telefonati fuq il-*mobiles* tal-imputat, li wara kollox baqghu ma gewx esebiti x’aktarx ghaliex fihom ma nstab xejn, il-Qorti ma tistax a bazi tas-sejba ta’ din is-sustanza kafeina, fil-kuntest tac-cirkostanzi l-ohrajn kollha tal-kaz, tasal ghall-konvinciment morali illi tali droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Dwar l-informazzjoni u l-varji rapporti li rceviet il-Pulizija, imbaghad, apparti illi dawn lanqas ma kienu jirreferu specifikatament ghall-imputat, jirrizulta wkoll illi din l-informazzjoni kienet u baqghet anonima u ghalhekk bhala tali ma tistax titqies bhala prova.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>Imputazzjoni (b) – pussess semplici tad-droga kokajina fl-1 ta’ Lulju 2012 u fis-sentejn ta’ qabel din id-data</u>

Naturalment, minn dak li inghad izjed ‘il fuq, jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokajina kemm fl-1 ta’ Lulju 2012, kif ukoll fis-sentejn ta’ qabel din id-data – fil-fatt kif inghad, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li huwa kien ilu jabbuza mill-kokajina ghal madwar erba’ snin.

Ghaldaqstant l-imputat qed jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni.

<u>L-imputazzjoni (c) – pussess semplici ta’ medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) fl-1 ta’ Lulju 2012 u fis-sentejn ta’ qabel</u>

Illi jirrizulta ampjament mill-provi prodotti illi l-imputat instab fil-pussess ta' pillola – deskritta bhala ta' lewn celesti u b'forma ta' qalb – liema pillola, skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, instabet fiha s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. Dwar din il-pillola, fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal illi din kienet ilha ghandu xi tlett snin. Fix-xhieda tieghu, imbaghad, l-imputat jikkonferma illi huwa kien juza l-pilloli *ecstasy* qabel u ghalkemm ma kienx baqa' jiehu pilloli, il-pillola li nstabet baqghet hemm u ma uzahiex.[17] Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

<u>L-imputazzjoni (d) – pussess semplici ta' medicina psikotropika u ristretta (*Mephedrone*) fl-1 ta' Lulju 2012 u fis-sentejn ta' qabel</u>

Illi jirrizulta wkoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' recipjent ahmar zghir tal-*plastic* li kien jikkontjeni trab abjad u li dan it-trab instabet fih is-sustanza *Mephedrone*. Dwar din is-sustanza, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi din kienet ilha ghandu miz-zmien li din ma kinitx illegali. L-istess sustanza giet skedata permezz tal-Avviz Legali 423/2010 u ghalhekk tali pussess jinkwadra fil-parametri taz-zmien li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

<u>L-imputazzjoni (e) - l-aggravju tad-distanza</u>

Issa ghalkemm jirrizulta car illi l-imputat kien fil-pussess tas-sustanza kokajina gewwa l-kazin tal-*football* tal-Qrendi, biss kif jirrizulta mit-tieni *proviso* ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-aggravju huwa applikabbli biss ghar-reati msemmija fl-Artikoli 22(2)(a)(i) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-pussess semplici tad-droga, punibbli taht l-

---

[17] A fol. 116 tal-process.

Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-istess Kapitolu, mhuwiex wiehed minn dawk ir-reati li ghalih japplika dan l-aggravju. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina hija kwazi netta u tikkonsisti f'kundanna wahda ghal multa ta' Lm20, in konnessjoni ma' reati taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reati jirrisalu ghas-sena 2003.

Qieset ukoll l-ammont tad-droga kokajina li nstabet fil-pussess tal-imputat – li kif inghad kellha piz ta' 4.98 grammi, apparti li l-imputat ammetta li originarjament huwa kien xtara seba' grammi u illi fil-pussess tieghu instabu wkoll is-sustanza mephedrone, f'piz nett ta' 0.21 grammi u pillola *ecstasy.*

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, illi ghalkemm ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u anke illi skond ix-xhieda tieghu, huwa ma baqax jaghmel uzu minn sustanzi illeciti wara li nqabad mill-pulizija in konnessjoni mal-kaz odjern.

Il-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi, piena ta' prigunerija effettiva zgur illi m'hijiex wahda idonea, kif lanqas ma tkun idonea piena ta' prigunerija sospiza, ghaliex apparti illi ai termini tal-Artikolu 28A(2) tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex tittratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza, hlief jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas tas-setgha taghha li tissospendi dik is-sentenza bis-sahha tal-Artikolu 28A(1) tal-istess Kapitolu, u fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ma jidhriliex illi tali sentenza kienet tkun xierqa, tenut kont tal-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, tal-fatt li huwa kkopera u anke tenut kont ta' dak li setghet tosserva

l-Qorti dwar l-imputat li jidher li huwa stabbli, tqis ukoll illi piena ta' sentenza sospiza li sservi wkoll bhala deterrent u jista' jkollha l-iskop li tirrijabilita lill-hati, ma ghandhiex tigi applikata f'dan il-kaz.

Il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-pieni pekunjarji li qeghda tapplika fir-rigward tal-imputazzjonijiet li taghhom qed issib htija fl-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (e) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, b'dan illi qeghda ssibu hati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) u tikkundannah ghal **piena ta' multa ta' elfejn u tminn mitt Euro (€2,800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' hames mija, hamsa u tletin Euro u disgha u hamsin centezmu (€535.59) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer*, PC 650 Justin Tabone, ammontanti ghas-somma

ta’ disgha u sittin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€69.29), b’kollox ghalhekk ghal total ta’ sitt mija u erba’ Euro u tmienja u tmenin centezmu (€604.88). Il-hati ghandu jhallas din is-somma fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan illi jekk huwa jonqos milli jhallas tali ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-oggetti kollha formanti parti mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------